# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Gunju, 2002.**

**Kawza Numru: 9**

**Citaz. Nru. 1221/97 GV**

Doc 272-02

**Mark Agius bhala prokuratur tal-assenti Eloisa Rizzotti**

**vs**

**Joseph Briffa**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-attur noe ppremetta illi huwa prokuratur ta' Eloisa Rizzotti li presenzjalment tinsab assenti minn dawn il-Gzejjer liema prokura tinsab hawn annessa u markata bhala Dok A;

Premess illi nhar l-24 ta' Gunju, 1995 l-imsemmija Eloisa Rizzotti ghamlet operazzjoni fuq imniehirha liema operazzjoni saret f'St. Mark Health Clinic;

Premess illi, l-imsemmija operazzjoni saret mill-konvenut;

Premess illi l-istess operazzjoni kienet intiza sabiex titnehha nefha minn fuq in-naha xellugija ta' mnieher l-imsemmija Eloisa Rizzotti;

Premess illi konsegwenza ta' tali operazzjoni l-attur nomine sofra danni u dan minhabba negligenza u traskuragni da parti tal-konvenut bil-mod kif ghamel l-imsemmija operazzjoni;

Premess illi l-konvenut kien interpellat sabiex ihallas il-likwidazzjoni tad-danni izda dan inutilment;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara illi l-attur fil-kwalita tieghu kif premessa sofra danni konsegwenza tal-mod kif saret l-operzzjoni ta' l-24 ta' Gunju 1995 mill-konvenut fuq imnieher l-imsemmija Eloisa Rizzotti;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fil-kwalita tieghu kif premessa;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur fil-kwalita' tieghu kif premessa d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez u l-imghax kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur nomine a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 12 tal-process fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghax l-eccipjent ma kkagunax u ma hu bl-ebda mod responsabbli ghal xi danni jew spejjez fil-konfront ta' l-attur fil-kwalita tieghu ghax fl-operat tieghu l-konvenut agixxa skond l-arti u s-sengha u ma kien hemm l-ebda negligenza jew traskuragni da parti tal-konvenut.

Isegwi li ma hemm l-ebda danni x'jigu likwidati.

Isegwi ukoll li ma hemm l-ebda ammonti li ghandhom jigu ddikjarati dovuti.

Illi l-attur nomine naqas li jghid li l-konvenut opera lil Eloisa Rizzotti wara li din diga kienet operata (kif qalet hi lill-konvenut) barra minn Malta u ma kienitx kuntenta bir-rizultat kif ukoll sofriet diversi trauma f'imniehirha.

Li lill-konvenut, Eloisa Rizzotti personalment jew tramite l-avukat taghha qatt ma avvicinatu b'xi lment. L-uniku indizzju li Rizzotti ma kienitx kuntenta ircevieha tramite telefonata tard bil-lejl xi sena ilu minghand persuna li qalet li kienet omm Rizzotti u b'hekk din ic-citazzjoni kienet sorpriza ghall-konvenut.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-degriet taghha a fol. 19 li bih gie nominat il-kirurgu Dr. Charles Swain assistit mill-perit legali Dr. Joseph Azzopardi;

Rat ir-relazzjoni taghhom a fol. 45 et seq;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

F'dina c-citazzjoni l-attur nomine qed ifittex ghall danni kagjonati lill gharusa tieghu Eloisa Rizzotti wara operazzjoni f'imniehirha li kien ghamillha l-konvenut.

L-esperti nominati minn dina l-Qorti waslu ghall-konkluzzjoni li mill-*punto di vista* mediku l-kondizzjoni medika tal-attrici ma ppeggoratx wara l-operazzjoni. Din saret biex titnehha gonfjatura li zviluppat wara operazzjoni li kienet ghamlet fil- 1991 f'Catania. L-espert mediku kkonkluda li **l-procedura li saret mill-konvenut kienet wahda minuri u saret b'mod korrett.** L-espert mediku hu assolutament konvint li l-attrici ma sofritx danni ghaliex il-kondizzjoni taghha ma marritx lura, ghalkemm lanqas immeljorat. Biex isir dan il-miljorament ikun hemm bzonn intervent hafna iktar kumplikat minn kirurgu li mhux biss ikun kwalifikat izda espert fis-sens li jkollu esperjenza kbira u vasta f'dan il-qasam.

L-attrici ma qablitx ma dina l-konkluzzjoni tal-perit mediku u ssottomettiet li wara l-operazzjoni n-nefha ma kienitx marret kif kien weghda l-konvenut. Il-konvenut pero' xehed li hu kien qal lill Rizzotti li "kien hemm possibilita' li n-nefha titnaqqas pero' avzajtha li ma stajtx naghtiha garanzija fuq dan l-iktar meta wiehed iqis li diga kienet operata u li kien hemm l-istorja tat-trawma" (ara fol 83/84).

L-attrici qed targumenta li anke jekk il-konvenut ma setghax jiggarantixxi miljorament, ma missu qatt accetta li jaghmel intervent simili. Hawnhekk il-Qorti bil-fors trid toqghod fuq dak li rrizultalu l-espert mediku nominat minn dina l-Qorti u cioe' li l-konvenut kien korrett fil-procedura li adopera u li ma kien hemm ebda negligenza fl-operat tieghu. Hawnhekk wiehed irid jiddistingwi bejn l-"*incertezza e imperfezzione dell'arte*" u "*negligenza o incapacita' di chi la esercita*" (ara Giorgi: Delle Obbligazzioni Vol. V para 155 page 252).

Inoltre jekk l-attrici ma qablitx ma dina l-konkluzzjoni hi dejjem setghet talbet in-nomina ta' periti addizzjonali f'materja teknika bhal din. "Opinjoni teknika, bhal kull prova fl-atti, sakemm ma tigix skossa minn prova ohra kuntrarja, attendibbli u kredibbli, tifforma l-bazi tal-gudizzju tal-Qorti. Il-Qorti ghandha *mano libera* li taccetta jew tirrifjuta opinjoni teknika lilha sottomessa mill-perit tekniku. Bhal kull prova ohra tista' tigi skartata mill-Qorti . Dan pero' mhux leggerment jew kapricjosament imma biss jekk tirrizulta raguni valida fl-atti. Kien ghalhekk ukoll li l-ligi tipprovvdi ghan-nomina ta' periti addizzjonali biex ikun hemm mezz ta' verifika ta' l-opinjoni teknika li l-ewwel perit ikun issottometta" (ara Sentenza App Camilleri vs Debattista 9/2/2001).

Kif qalet ukoll il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza Bonnett vs Lewis App deciz 1 ta' Marzu, 1994: "Il-Qorti, sakemm ma jigux indikati oggezzjonijiet gravi u serji ta' piz tali li jinducuha li tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tat-tekniku, dan ma taghmlux." u " rarament ghandha l-Qorti tiddisturba l-gudizzju ta' espert tekniku jew mediku sakemm ma jezistux ragunijiet gravi u serji biex taghmel dana".

L-attur noe ghazel li ma jitlobx in-nomina ta' periti addizzjonali biex jikkontesta l-konkluzzjoni raggjunta mill-esperti. Il-Qorti inoltre ma ssibx li hemm ragunijiet gravi u serji li jgieghluha li tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tal-esperti.

Il-Qorti, wara li ezaminat il-provi, u wara li rat ir-rapport tal-periti nominati, hija tal-fehma li l-kostatazzjonijiet maghmulin mill-periti , kif ukoll il-konkluzzjonijiet minnhom raggjunti huma gusti u korretti u hija tikkondividihom u taghimilhom taghha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi prevja li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**